2024/1752

25.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1752

tal-24 ta' Ġunju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/552 fir-rigward ta' bidliet amministrattivi u minuri fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Marzu 2021, ingħatat awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0024324-0000 lil Veltek Associates Inc. Europe għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/552 ([2]). L-Anness ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprovdi s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott ("SPC") għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([3]) jistabbilixxi r-regoli proċedurali għall-kategoriji differenti ta' bidliet imsemmija fl-Artikolu 50(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Malli tirċievi opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") dwar applikazzjoni minn detentur ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni li titlob biex tinbidel kwalunkwe informazzjoni sottomessa fl-applikazzjoni inizjali għall-awtorizzazzjoni, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 jew, fejn rilevanti, tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għadhomx issodisfati u jekk hemmx il-ħtieġa li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jiġu emendati.

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2022, Veltek Associates Inc. Europe ssottomettiet lill-Aġenzija notifika tal-bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family", f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, irreġistrata fir-reġistru għall-prodotti bijoċidali ("ir-Reġistru") bin-numru tal-każ BC-WR078024-12. Il-bidliet notifikati qiesu ż-żieda ta' żewġ manifatturi ta' sustanzi attivi.

(4) Fid-9 ta' Awwissu 2023, Veltek Associates Inc. Europe ssottomettiet applikazzjoni lill-Aġenzija għal bidliet minuri fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, irreġistrata fir-Reġistru bin-numru tal-każ BC-HJ088175-32, fir-rigward tal-bidliet fl-istruzzjonijiet għall-użi tal-meta SPCs 2, 3 u 4, żieda fiż-żmien tal-ħajja fuq l-ixkaffa u bidla fil-firxa tad-daqs tal-pakkett tal-prodotti f'meta SPC 1.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/552 tat-30 ta' Marzu 2021 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" (ĠU L 111, 31.3.2021, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/552/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

(5) Fil-11 ta' Awwissu 2022, l-Aġenzija ssottomettiet opinjoni [4] lill-Kummissjoni dwar il-bidliet amministrattivi nnotifikati lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family", f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, flimkien ma' SPC rivedut. L-opinjoni tikkonkludi li l-bidliet proposti huma bidliet amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punt (aa), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ikunu għadhom issodisfati.

(6) Fid-9 ta' Jannar 2024, l-Aġenzija ssottomettiet l-opinjoni [5] tagħha lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għall-bidliet minuri nnotifikati lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family", f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, flimkien ma' SPC rivedut u rapport ta' valutazzjoni rivedut. Din l-opinjoni kkonkludiet li l-bidliet proposti huma bidliet minuri f'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punt (ab), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ikunu għadhom issodisfati.

(7) Fis-6 ta' Frar 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-SPC rivedut tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni li jkopru l-bidliet amministrattivi u minuri kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 11(6) u mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

(8) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjonijiet tal-Aġenzija u għalhekk jidhrilha li huwa xieraq li tiġi emendata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" biex tintroduċi l-bidliet amministrattivi u minuri mitluba minn Veltek Associates Inc. Europe.

(9) Ħlief għall-emendi rigward il-bidliet amministrattivi u minuri, l-informazzjoni l-oħra kollha inkluża fl-SPC ta' "DEC-AHOL® Product Family" kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/552 tibqa' l-istess.

(10) Biex tissaħħaħ iċ-ċarezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti u tal-partijiet interessati għall-verżjoni konsolidata finali tal-SPC li għandha tiġi ppubblikata mill-Aġenzija, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/552 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/552 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/552 huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

[4] L-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) dwar il-bidla amministrattiva fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" tal-11 ta' Awwissu 2022, Opinjoni Nru UAD-C-1599800-27-00/F, f6d20bc5-5822-02d9-2800-006583f0128d (europa.eu).

[5] L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC, Biocidal Products Committee) dwar il-bidla minuri fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali "DEC-AHOL® Product Family" tad-9 ta' Jannar 2024, ECHA/BPC/410/2024, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL FAMILJA TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI

DEC-AHOL® Product Family

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0024324-0000

Numru tal-assi R4BP EU-0024324-0000

Part I.

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

Chapter 1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

Isem	DEC-AHOL® Product Family

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Veltek Associates Inc. Europe
	Indirizz	Rozengaard 1940 8212DT Lelystad NL
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0024324-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0024324-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	l-20 ta' April 2021	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	il-31 ta' Marzu 2031	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Veltek Associates, Inc.,
Indirizz tal-manifattur	15 Lee Blvd. PA19355 Malvern L-Istati Uniti
Post ta' siti ta' manifattura	Veltek Associates, Inc., site 1 15 Lee Blvd. PA19355 Malvern L-Istati Uniti

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Exxon Mobil Chemical Company
Indirizz tal-manifattur	4045 Scenic Hwy, Baton Rouge, LA 70805 Louisiana L-Istati Uniti
Post ta' siti ta' manifattura	Exxon Mobil Chemical Company site 1 4045 Scenic Hwy, Baton Rouge, LA 70805 Louisiana L-Istati Uniti

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Monument Chemical Houston, LTD
Indirizz tal-manifattur	16717 Jacintoport Boulevard 77015 Houston L-Istati Uniti
Post ta' siti ta' manifattura	Monument Chemical Houston, LTD site 1 16717 Jacintoport Boulevard 77015 Houston L-Istati Uniti

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Shell Chemicals
Indirizz tal-manifattur	150 St Claire Parkway ON N0N 1G0 Corunna Il-Kanada
Post ta' siti ta' manifattura	Shell Chemicals site 1 150 St Claire Parkway ON N0N 1G0 Corunna Il-Kanada

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	64,8 - 65,4 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AE Dispensur tal-aerosol AL Kwalunkwe likwidu ieħor XX Oħrajn - Imsielaħ imxarrba b'diżinfettant lest biex jintuża

Part II.

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

Chapter 1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Meta SPC 1

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	65,4 - 65,4 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	XX Oħrajn - Imsielaħ imxarrba b'diżinfettant lest biex jintuża

Chapter 3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H225: Likwidu u fwar li jaqbdu malajr. H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar. P264: Aħsel idejn sew wara li tużah. P280: Ilbes ingwanti protettivi. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs.

	P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P312: Ikkuntattja tabib jekk tħossok ma tiflaħx. P337+P313: If eye irritation persists: Get medical advice/ attention. P403+P233: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm il-kontenitur magħluq sew. P405: Aħżen f'post imsakkar. P501: Armi l-l-kontenut fi skond ir-regolamenti lokali / nazzjonali. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn.

Chapter 4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 1.

1.1 Dižinfettar ta' uċuħ iebsa mhux poruži; Wipes (wipes individwali u wipes f'pakkett multiplu)

Tip ta' prodott	PT02: Dižinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Wipe dižinfettanti għall-użu fil-kmamar iġjeniċi tal-faċilitajiet ta' manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi, biofarmaċewtiċi, dijanjostiċi u tagħmir mediku għad-dižinfettar ta' uċuħ inanimati iebsa mhux poruži, materjal u tagħmir li mhumiex użati għall-kuntatt dirett mal-ikel jew l-għalf.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Timsaħ l-uċuħ Deskrizzjoni dettaljata: -
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: - Dilwizzjoni (%): Lest biex jintuża Numru u ħin tal-applikazzjoni:

	Il-prodott jista' jiġi użat bosta drabi kuljum, jekk meħtieġ. Ħin ta' kuntatt: 2 minuti. Wipe individwali: 15.2 cm x 15.2 cm wipe - 4 wipes/m^2 30.5 cm x 30.5 cm wipe - 1 wipe/m^2 45.7 cm x 45.7 cm wipe - 1 wipe/m^2 Wipe f'pakkett multiplu: 23 cm x 23 cm - 2 wipes/m^2 30.5 cm x 30.5 cm - 1 wipe/m^2
Kategorija/i ta' utenti	industrijali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Wipes pre-saturati b'65.4% w/w propan-2-ol u ilma għall-injezzjoni. Wipe individwali Wipe magħmula minn 100% fibra tal-poliester bil-filament kontinwu. Il-wipes huma ppakkjati f'boroż tal-plastik individwali ssiġillati bis-sħana magħmula minn polietilen ta' densità baxxa. Daqsijiet tal-pakketti deskritti hawn taħt: 15.2 cm x 15.2 cm wipe - 100/kaxxa, mhux sterili 15.2 cm x 15.2 cm wipe - 100/kaxxa, sterili 30.5 cm x 30.5 cm wipe - 100/kaxxa, sterili 45.7 cm x 45.7 cm wipe - 100/kaxxa, sterili Wipe f'pakkett multiplu Wipe magħmula minn 100% fibra tal-poliester bil-filament kontinwu; 20 wipe f'kull pakkett; mitnija flimkien f'borża li tista' terġa' tingħalaq. Daqsijiet tal-pakketti deskritti hawn taħt: 100% poliester 30.5 cm x 30.5 cm wipe - 200/kaxxa, mhux sterili 100% poliester 30.5 cm x 30.5 cm wipe - 200/kaxxa, sterili 100% poliester 23 cm x 23 cm wipe - 200/kaxxa, sterili

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Uża l-prodott fi kmamar iġjeniċi li huma klassifikati skont ISO 14644-1 fi klassi 1 sa 9 jew skont il-klassifikazzjoni GMP tal-UE fi Grad A sa D biss.

Naddaf u xxotta l-uċuħ qabel ma tiddiżinfetta. Uża wipes umdi biss. Oħroġ wipe jew tnejn f'daqqa għall-wipes individwali u wipe waħda kull darba għall-wipes f'pakkett multiplu. Ara li xxarrab l-uċuħ kompletament. Ħallih jaħdem għal mill-inqas 2 minuti. Wara li tuża l-wipe armiha f'kontenitur magħluq u għall-wipes f'pakkett multiplu għalaq il-pakkett wara li tifthu.

Wipe individwali:

15.2 cm x 15.2 cm wipe - 4 wipes/m^2

30.5 cm x 30.5 cm wipe - 1 wipe/m^2

45.7 cm x 45.7 cm wipe - 1 wipe/m^2

Wipe f'pakkett multiplu:

23 cm x 23 cm - 2 wipes/m^2

30.5 cm x 30.5 cm - 1 wipe/m^2

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

Chapter 5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Ara l-istruzzjonijiet speċifiċi għall-użu.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Uża b'ventilazzjoni adegwata b'rata ta' bidla tal-arja ta' 8 darbiet fis-siegħa jew iżjed.

Applika 'l bogħod mill-għajnejn u l-wiċċ.

Protezzjoni tal-idejn: Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimika.

Protezzjoni tal-għajnejn: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn.

Evita l-kuntatt mal-għajnejn.

Tiġbidx il-fwar man-nifs.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx meta tkun qed tuża dan il-prodott.

Aħsel idejk sew wara li tuża l-prodott.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

Sintomi/korrimenti f'każ li jinġibed man-nifs: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament.

Sintomi/korrimenti f'każ ta' kuntatt mal-ġilda: Kuntatt ripetut u/jew fit-tul mal-ġilda jista' jikkawża irritazzjoni, nixfa jew qsim tal-ġilda.

Sintomi/korrimenti f'każ ta' kuntatt mal-għajnejn: Jikkawża irritazzjoni serja fl-għajnejn.

Sintomi/korrimenti f'każ ta' inġestjoni: Is-sintomi rrappurtati fil-bnedmin huma dardir u remettar minħabba irritazzjoni lokali u effetti sistemiċi bħal sokor, ħedla, kultant inkoxjenza u zokkor baxx fid-demm (speċjalment fit-tfal). Iżda l-effetti sistemiċi jistgħu jkunu inqas probabbli skont it-tip ta' formulazzjoni (wipes, aerosol u sprej).

Miżuri ġenerali tal-ewwel għajnuna: Qatt tagħti xi ħaġa fil-ħalq lil persuna mitlufa minn sensiha. Jekk ma tħossokx f'sikktek, itlob parir mediku (uri t-tabella jekk possibbli).

JEKK TIĠBDU MAN-NIFS: Mur għall-arja friska u strieħ f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs. Ċempel ĊENTRU GĦAL KONTRA L-VELENU jew tabib.

JEKK FUQ IL-ĠILDA: Laħlaħ il-ġilda bl-ilma/doċċa. Neħħi/Inża l-ħwejjeġ kollha kkontaminati immedjatament. Aħsel bil-mod b'ħafna sapun u ilma. Jekk jiżviluppaw is-sintomi, ikseb attenzjoni medika.

JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk preżenti u faċli tagħmel dan. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Ċempel ĊENTRU GĦAL KONTRA L-VELENU jew tabib.

JEKK TIBILGĦU: Laħlaħ il-ħalq. Jekk il-persuna tkun f'sensiha aġħtiha xi ħaġa x'tixrob. Jekk bis-sintomi: Ċempel 112/ambulanza għall-għajnuna medika. Jekk bla sintomi: Ċempel ĊENTRU GĦAL KONTRA L-VELENU jew tabib.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Kontenituri vojta għandhom jintremew bħala skart normali jew jiġu riċiklati fejn hu possibbli.

Informazzjoni addizzjonali: Tratta l-kontenituri vojta b'attenzjoni minħabba li fwar residwu jista' jaqbad.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żomm il-kontenitur magħluq sewwa. Żomm f'post frisk u b'ventilazzjoni tajba. Żomm 'il bogħod minn fjammi mikxufin, uċuħ jaħarqu u sorsi li jaqbdu. Aħżen f'temperaturi taħt it-30°C.

Żmien li jdum tajjeb il-prodott: Tliet snin

Chapter 6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Il-prodott fih il-propan-2-ol (CAS Nru.: 67-63-0), li għalih ġie miftiehem valur ta' referenza Ewropew ta' 129.28 mg/m³ għall-utent professjonali u użat għall-valutazzjoni tar-riskju ta' dan il-prodott.

Chapter 7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali			ALCOH-WIPE®	qasam tas-suq: UE	
			PROCESS2WIPE® IPA70	qasam tas-suq: UE	
Numru tal-awtorizzazzjoni			EU-0024324-0001 1-1		
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	65,4

Chapter 1. **META SPC 2 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 2 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Meta SPC 2

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-2

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	64,8 - 64,8 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AE Dispensur tal-aerosol

Chapter 3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H222 : Aerosol li jaqbad malajr ħafna, H229 : Kontenitur taħt pressjoni: Jista' jinfaqa' meta jissaħħan H229: Kontenitur taħt pressjoni: Jista' jinfaqa' meta jissaħħan H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P211: Tisprejjax fuq fjamma mikxufa jew sors ieħor li jaqbad. P251: Ittaqqbux u taħarqux, anke wara li tużah. P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar. P264: Aħsel idejn sew wara li tużah. P280: Ilbes ingwanti protettivi. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs.

	P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P312: Ikkuntattja tabib jekk tħossok ma tiflaħx. P337+P313: If eye irritation persists: Get medical advice/ attention. P403+P233: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm il-kontenitur magħluq sew. P405: Aħżen f'post imsakkar. P410+P412: Ipproteġi mid-dawl tax-xemx. Tesponix għal temperaturi li jeċċedu l-50°C/ 122°F. P501: Armi l-l-kontenut fi skond ir-regolamenti lokali. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn.

Chapter 4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 1.

2.1 Diżinfettar ta' uċuħ iebsa mhux poruży fi kmamar iġjeniċi; Aerosols (propellant)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfettanti għall-użu fil-kmamar iġjeniċi tal-faċilitajiet ta' manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi, biofarmaċewtiċi, dijanjostiċi u tagħmir mediku għad-diżinfettar ta' uċuħ inanimati iebsa mhux poruży, materjal u tagħmir li mhumiex użati għall-kuntatt dirett mal-ikel jew l-għalf.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar tal-aerosol fuq l-uċuħ Deskrizzjoni dettaljata: -

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Applikazzjoni massima ta' 35 ml/m² - Lest biex jintuża Dilwizzjoni (%): Lest biex jintuża Numru u ħin tal-applikazzjoni: Il-prodott jista' jiġi użat bosta drabi kuljum, jekk meħtieġ. Applika l-prodott billi tisprejja minn distanza ta' 15-20 ċm għal 20 sekonda/m². Ħin ta' kuntatt: 1 minuta.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	325 ml (11-il uqija) – bott tal-aerosol (miksi bl-aluminju minn ġewwa b'reżina fenolika tal-epossi)

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Uża l-prodott fi kmamar iġjeniċi li huma klassifikati skont ISO 14644-1 fi klassi 1 sa 9 jew skont il-klassifikazzjoni GMP tal-UE fi Grad A sa D biss.

Naddaf u xxotta l-uċuħ qabel ma tiddiżinfetta. SSprejja l-wiċċ li se jiġi diżinfettat minn distanza ta' 15-20 ċm 'l bogħod. Xarrab sew il-wiċċ bil-prodott għal 20 sekonda/m², ara li l-uċuħ ikunu mxarrba kompletament. Ħallih jaħdem għal mill-inqas 1 minuta. Wara li jintlaħaq il-ħin ta' kuntatt meħtieġ, ħalli l-wiċċ jinxef jew imsaħ b'ċarruta jew wipe sterilizzata. Ċraret jew wipes trattati bil-prodott għandhom jintremew f'kontenitur jingħalaq.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Funtani għall-ħasil tal-għajnejn f'każ ta' emerġenza u doċċi ta' sigurtà għandhom ikunu disponibbli fil-viċinanza immedjata ta' kwalunkwe esponiment potenzjali.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

Chapter 5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 2**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Ara l-istruzzjonijiet speċifiċi għall-użu.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Uża b'ventilazzjoni adegwata b'rata ta' bidla tal-arja ta' 8 darbiet fis-siegħa jew iżjed.

Applika 'l bogħod mill-għajnejn u l-wiċċ.

Protezzjoni tal-idejn: Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimika.

Protezzjoni tal-għajnejn: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn.

Evita l-kuntatt mal-għajnejn.

Tiġbidx il-fwar man-nifs.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx meta tkun qed tuża dan il-prodott.

Aħsel idejk sew wara li tuża l-prodott.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

Sintomi/korrimenti f'każ li jinġibed man-nifs: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament.

Sintomi/korrimenti f'każ ta' kuntatt mal-ġilda: Kuntatt ripetut u/jew fit-tul mal-ġilda jista' jikkawża irritazzjoni, nixfa jew qsim tal-ġilda.

Sintomi/korrimenti f'każ ta' kuntatt mal-għajnejn: Jikkawża irritazzjoni serja fl-għajnejn.

Sintomi/korrimenti f'każ ta' inġestjoni: Is-sintomi rrappurtati fil-bnedmin huma dardir u remettar minħabba irritazzjoni lokali u effetti sistemiċi bħal sokor, ħedla, kultant inkoxjenza u zokkor baxx fid-demm (speċjalment fit-tfal). Iżda l-effetti sistemiċi jistgħu jkunu inqas probabbli skont it-tip ta' formulazzjoni (wipes, aerosol u sprej).

Miżuri ġenerali tal-ewwel għajnuna: Qatt tagħti xi ħaġa fil-ħalq lil persuna mitlufa minn sensiha. Jekk ma thossokx f'sikktek, itlob parir mediku (uri t-tabella jekk possibbli).

JEKK TIĠBDU MAN-NIFS: Mur għall-arja friska u strieħ f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs. Ċempel ĊENTRU GĦAL KONTRA L-VELENU jew tabib.

JEKK FUQ IL-ĠILDA: Laħlaħ il-ġilda bl-ilma/doċċa. Neħħi/Inża l-ħwejjeġ kollha kkontaminati immedjatament. Aħsel bil-mod b'ħafna sapun u ilma. Jekk jiżviluppaw is-sintomi, ikseb attenzjoni medika.

JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk preżenti u faċli tagħmel dan. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Ċempel ĊENTRU GĦAL KONTRA L-VELENU jew tabib.

JEKK TIBILGĦU: Laħlaħ il-ħalq. Jekk il-persuna tkun f'sensiha agħtiha xi ħaġa x'tixrob. Jekk bis-sintomi: Ċempel 112/ambulanza għall-għajnuna medika. Jekk bla sintomi: Ċempel ĊENTRU GĦAL KONTRA L-VELENU jew tabib.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Kontenituri vojta għandhom jintremew bħala skart normali jew jiġu riċiklati fejn hu possibbli.

Informazzjoni addizzjonali: Tratta l-kontenituri vojta b'attenzjoni minħabba li fwar residwu jista' jaqbad.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żomm 'il bogħod minn fjammi mikxufin, uċuħ jaħarqu u sorsi li jaqbdu.

Żomm il-kontenitur magħluq sewwa. Żomm f'post frisk u b'ventilazzjoni tajba. Aħżen f'temperaturi taħt l-40°C. Ipproteġi mill-ġlata.

Żmien li jdum tajjeb il-prodott: Tliet snin

Chapter 6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Il-prodott fih il-propan-2-ol (CAS Nru.: 67-63-0), li għalih ġie miftiehem valur ta' referenza Ewropew ta' 129.28 mg/m³ għall-utent professjonali u użat għall-valutazzjoni tar-riskju ta' dan il-prodott.

Chapter 7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 2**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali			DEC-AHOL® AEROSOL WFI Formula	qasam tas-suq: UE	
Numru tal-awtorizzazzjoni			EU-0024324-0002 1-2		
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	64,8

Chapter 1. **META SPC 3 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 3 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Meta SPC 3

